DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (Euratom) 2015/2228

tal-10 ta' Novembru 2015

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-emendi għall-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika Franċiża, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji b'Rabta mat-Trattat għall-Projbizzjoni ta' Armi Nukleari fl-Amerika Latina u l-Karibew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, f'konformità mad-direttivi tal-Kunsill adottati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013, innegozjat emendi għall-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika Franċiża, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji b'Rabta mat-Trattat għall-Projbizzjoni ta' Armi Nukleari fl-Amerika Latina u l-Karibew ("l-emendi għall-Protokolli 1 u 2").

(2) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-emendi għall-Protokolli 1 u 2 għandha tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-emendi għall-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika Franċiża, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji b'Rabta mat-Trattat għall-Projbizzjoni ta' Armi Nukleari fl-Amerika Latina u l-Karibew, hija b'dan approvata.

It-test tal-emendi għall-Protokolli 1 u 2 jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brusell, l-10 ta' Novembru 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

P. GRAMEGNA

ANNESS

I. Il-paragrafu I tal-Protokoll 1 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika Franċiża, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji b'Rabta mat-Trattat għall-Projbizzjoni ta' Armi Nukleari fl-Amerika Latina u l-Karibew ("il-Ftehim dwar is-Salvagwardji") huwa sostitwit b'dan li ġej:

"I. (A) Sakemm

(1) it-territorji Franċiżi tal-Protokoll I għandhom, f'attivitajiet nukleari paċifiċi, materjal nukleari fi kwantitajiet li jaqbżu l-limiti msemmija, għat-tip ta' materjal ikkonċernat, fl-Artikolu 35 tal-Ftehim bejn Franza, il-Komunità u l-Aġenzija għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji b'Rabta mat-Trattat għall-Projbizzjoni tal-Armi Nukleari fl-Amerika Latina u l-Karibew (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala 'il-Ftehim'), jew

(2) tkun ittieħdet id-deċiżjoni biex jinbena jew jiġi awtorizzat il-bini ta' faċilità, kif definit fid-Definizzjonijiet, fit-territorji Franċiżi tal-Protokoll I,

l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-Parti II tal-Ftehim għandhom jiġu sospiżi, ħlief għall-Artikoli 31-37, 39, 47, 48, 58, 60, 66, 67, 69, 71-75, 81, 83-89, 93 u 94.

(B) L-informazzjoni li għandha tiġi rrappurtata skont il-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 32 tal-Ftehim tista' tiġi kkonsolidata u ppreżentata f'rapport annwali; b'mod simili, għandu jiġi ppreżentat rapport annwali, jekk applikabbli, fir-rigward tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' materjal nukleari deskritt fil-paragrafu (c) tal-Artikolu 32.

(C) Sabiex tkun possibbli l-konklużjoni f'waqtha tal-Ftehimiet Sussidjarji previsti fl-Artikolu 37 tal-Ftehim, il-Komunità għandha:

(1) tinnotifika l-Aġenzija fi żmien biżżejjed minn qabel dwar il-fatt li għandha materjal nukleari waqt attivitajiet nukleari paċifiċi fit-territorji Franċiżi tal-Protokoll I fi kwantitajiet li jaqbżu l-limiti msemmija fit-taqsima (A) tiegħu, jew

(2) tinnotifika lill-Aġenzija hekk kif tkun ittieħdet id-deċiżjoni biex jinbena jew jiġi awtorizzat il-bini ta' faċilità fit-territorji Franċiżi tal-Protokoll I,

skont liema tokkorri l-ewwel. F'dak il-mument, il-proċeduri għall-kooperazzjoni fl-applikazzjoni tas-salvagwardji previsti fil-Ftehim għandhom jiġu maqbula, kif meħtieġ, bejn Franza, il-Komunità u l-Aġenzija."

II. Il-paragrafu I tal-Protokoll 2 tal-Ftehim tas-Salvagwardji huwa sostitwit b'dan li ġej:

"I. F'dak il-mument li l-Komunità tinnotifika lill-Aġenzija skont it-Taqsima I(C) tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim li hemm materjal nukleari f'attivitajiet nukleari paċifiċi fit-territorji Franċiżi tal-Protokoll I fi kwantitajiet li jaqbżu l-limiti msemmija fit-Taqsima I(A)(1) tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim jew li ttieħdet id-deċiżjoni biex tinbena jew jiġi awtorizzat il-bini ta' faċilità, kif definit fid-Definizzjonijiet, fit-territorji Franċiżi tal-Protokoll I, kif imsemmi fit-Taqsima I(A)(2) tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, skont liema jokkorri l-ewwel, għandu jintlaħaq ftehim dwar Protokoll għal proċeduri għall-kooperazzjoni fl-applikazzjoni tas-salvagwardji previsti fil-Ftehim bejn Franza, il-Komunità u l-Aġenzija. Dawn il-proċeduri ser jamplifikaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim u, b'mod partikolari, jispeċifikaw il-kundizzjonijiet u l-mezzi skont liema l-kooperazzjoni msemmija hawn fuq għandha tiġi implimentata b'tali mod sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet ta' salvagwardja. Il-proċeduri għandhom ikunu, sa fejn huwa possibbli, ibbażati fuq dawk li dak iż-żmien ikunu fis-seħħ skont Protokolli ta' ftehimiet ta' salvagwardja oħrajn, u l-arranġamenti sussidjarji tagħhom, bejn l-Istati Membri tal-Komunità, il-Komunità u l-Aġenzija, inkluż il-fehim speċjali relatat li dwaru hemm qbil mill-Komunità u l-Aġenzija.".